# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. JOSEPH SAID PULLICINO B.A.(HONS.), LL.D. - PRESIDENT**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 13 ta' Lulju 2001.**

**Numru 9**

**Citaz. numru 1380/97 RCP**

**Saviour Zahra**

**vs**

**Maria Antoinette Zahra f'isimha proprja u bhala kuratrici ad litem ghal bintha minuri Louanna.**

**Il-Qorti;**

**L-ATT TAC-CITAZZJONI**

L-attur ipproceda kontra l-konvenuta martu b'dan l-att ta' citazzjoni :-

"L-attur ippremetta :

Illi bis-sahha ta' kuntratt pubbliku atti Nutar Dottor Peter Fleri Sloer datat 29 ta' Awissu 1995, il-kontendenti Saviour u Marie Antoniette konjugi Zahra kienu rregolaw legalment is-separazzjoni personali ta' bejniethom (Dok A) ; u

Illi skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni precizament fi klawsola numru 3A l-Ewwel Parti, l-istess kontendenti kienu wasslu ghal ftehim dwar l-ammont ta' alimenti pagabbli mill-attur favur martu u bintu ; u

Illi skond l-istess klawsola hawn fuq citata, l-istess partijiet specifikaw b'liema mod u manjiera huma wasslu ghal tali cifra ta' alimenti, liema cifra kellha tinbidel ossia tigi varjata f'kaz li jinbiddlu c-cirkostanzi ; u

Illi f'kull enventwalita' kwalunkwe varjazzjoni kellha ssir b'mod pro-rata ghal dak kif gia' miftiehem fuq l-istess kuntratt ; u

Illi fil-15 ta' Ottubru tas-sena 1996, kien gie tterminat l-impjieg ta' l-attur u rega' beda jahdem fil-21 ta' April 1997, kif ser jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni ta' dan il-kaz ; u

Illi llum il-gurnata l-paga tal-attur tlahhaq is-somma gross ta' sittin lira Maltija (Lm60) fil-gimgha ; u

Illi saru diversi tentattivi mal-konvenuta martu sabiex jigi varjat il-kuntratt ta' separazzjoni ghal fejn jirrigwarda l-ammont ta' manteniment pagabbli minnu lil martu u lil bintu skond il-paga odjerna ta' l-attur liema tentattivi ma kellhom ebda esitu posittiv ;

L-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti :-

1. Tiddikjara li l-attur ma hu tenut ihallas ebda alimenti ghal perjodu kemm dam disokkupat ; u

2. Tirrevedi l-ammont ta' manteniment pagabbli fix-xahar mill-attur favur il-konvenuti martu u bintu minuri dekorribbli mid-data ta' l-ingagg fl-impjieg il-gdid tieghu u dana f'somma inferjuri ghal dik stipulata, fil-kuntratt ta' separazzjoni liema revizjoni ghandha ssir a bazi ta' u skond il-ftehim milhuq bejn il-kontendenti fuq l-istess kuntratt ta' separazzjoni tenut kont tal-paga odjerna ta' l-istess attur.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti."

**ECCEZZJONIJIET**

Il-konvenuta hekk eccepiet ghat-talbiet attrici :-

> “1. Illi l-ewwel talba attrici ghandha tigi michuda billi skond il-kuntratt tas-separazzjoni l-attur ma kellux jedd jaqta’ ghal kollox il-manteniment dovut minnu izda biss li dan jigi rivedut “skond l-esigenzi” f’kaz li jintemm l-impjieg tieghu. L-attur kellu mezzi ohra mnejn jaqdi l-obbligi kontrattwali tieghu. Anke fil-ligi l-attur kien ghadu obbligat ghall-hlas tal-manteniment.
>
> 2. Illi dwar it-tieni domanda, l-eccepjenti taqbel li l-manteniment ghandu jigi rivedut skond l-esigenzi wara li tinghata informazzjoni shiha dwar il-mezzi ta’ l-attur kif ukoll il-bzonnijiet ta’ l-attrici u bintha.
>
> 3. Illi l-ispejjez ta’ dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati mill-attur billi l-ftehim propost minnu ma setghax jigi accettat.”

**DECIDE**

Il-Prim’Awla tal-Qorti Civili b’sentenza tal-15 ta’ Dicembru 1999 ddecidiet il-kawza b’dan il-mod :-

> “Il-Qorti, filwaqt li **tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuta proprio et nomine** u filwaqt li **tichad l-ewwel talba ta’ l-attur**, b’dan li l-istess attur ghandu ghalhekk jibqa’ jhallas il-manteniment stipulat fil-kuntratt tad-29 ta’ Awissu 1995 sa l-20 ta’ April 1997, tilqa’ t-tieni talba attrici b’dan li :-
>
> Tirrevedi l-ammont ta’ manteniment pagabbli fix-xahar mill-attur favur il-konvenuti martu u bintu minuri dekorribbli mill-21 ta’ April 1997 ghall-ammont ta’ mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) fix-xahar li ghandhom jinqasmu sittin lira (Lm60) ghal minuri, u hamsa u sebghin lira (Lm75) fix-xahar ghal konvenuta, liema revizjoni qed issir abbazi tac-cirkostanzi attwali kollha tal-kaz, u cioe’ l-introjtu ta’ l-attur u l-bzonnijiet tal-konvenuti, u l-esigenzi partikolari tal-partijiet *de quo*.

L-ispejejz tal-kawza, minhabba c-cirkostanzi jinqasmu quantu ghal zewg terzi mill-attur u terzi mill-konvenuta proprio et nomine."

**MOTIVAZZJONI TAS-SENTENZA APPELLATA**

L-ewwel Qorti hekk immotivat is-sentenza taghha :-

"**Mertu tal-kawza**

L-attur qed jippretendi fl-ewwel lok illi huwa ma kien tenut ihallas l-ebda alimenti tul il-perjodu li huwa dam dizokkupat, u fit-tieni lok li jigi rivedut l-ammont ta' manteniment pagabbli fix-xahar favur il-konvenuti martu u bintu minuri mid-data ta' l-ingagg fl-impjieg il-gdid tieghu.

**Provi**

Mill-kuntratt ta' separazzjoni pubblikat fl-atti tan-Nutar Dr. Peter Fleri Soler datat 29 ta' Awissu 1995, u li jinsab a fol. 5 et sequitur tal-process jirrizulta inter alia illi :-

"*Saviour Zahra qieghed jobbliga ruhu li jmantni lil bintu Louanna u lill-komparenti martu, u dan fis-somma ta' mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar ghal bintu u mitt lira Maltija (Lm100) fix-xahar ghal martu u ladarba l-imsemmija tifla tilhaq il-maggor eta', il-manteniment pagabbli lill-mara jsir ta' mitejn lira Maltija (Lm200) fix-xahar, liema manteniment ghandu jithallas anke fil-kaz li l-mara tkun impjegata part-time. Il-komparenti Marie Antoinette Zahra tkun responsabli hi ghall-ispejjez l-ohra kollha tal-minuri. Il-partijiet konjugi Zahra ghandha tippercepixxi hi c-'children's allowance", u kull beneficcju socjali pagabbli lill-minuri. Il-manteniment, ghandu jithallas permezz ta' standing order tal-Bank. Dan il-manteniment qed jigi kkalkolat a bazi ta' l-impjieg odjern tar-ragel u, ghalhekk f'kaz li dan l-impjieg jintemm, il-manteniment ghandu jigi rivedut pro rata, skond l-esigenzi".*

Illi l-attur kellu diversi impjiegi u dan skond ma jirrizulta mid-dokument immarkata bl-ittri SZ1 a fol 20 tal-process. Jirrizulta wkoll minn dan id-dokument illi l-attur bejn is-27 ta' Novembru 1996 u l-20 ta' April 1997 ma kienx qed jahdem. Illi ghalhekk jirrizulta illi l-attur ghal kwazi hames xhur kien dizokkupat.

Illi mid-dokument immarkat bl-ittri SZ7 a fol 26 tal-process jirrizulta illi l-attur jircievi s-somma ta' Lm79.50 fil-gimgha u dan bhala gross ;

Illi meta gie redatt il-kuntratt ta' separazzjoni u fix-xhur ta' wara, l-attur kellu l-ammont ta' cirka Lm750.89 fix-xahar. Huwa baqa' jircievi dan is-salarju sakemm effettivament ittermina huwa stess l-impjieg tieghu (vide Dok SZ2 a fol. 21 tal-process).

Illi l-attur fil-25 ta' Marzu 1999 ta' x-xhieda tieghu quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia. Huwa xehed illi :-

*"meta ghamilna l-kuntratt ta' separazzjoni jien u l-mara dak iz-zmien, jiena kelli lill-mara u t-tifla biss. Jien illum qieghed ma' haddiehor u ghandi tifel ….. li jismu Aleksander. Jien ukoll qed inmantni lil dan it-tifel."*

Il-konvenuta xehdet illi r-ragel taghha u cioe' l-attur ilu ma jaghtiha manteniment ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs u cioe' mit-2 ta' Ottubru 1996. Fil-fatt il-konvenuta u bintha qed jghixu bl-assistenza socjali.

In oltre, l-konvenuta xehdet illi l-attur kien offrilha Lm25 fil-gimgha pero' l-partijiet ma kienux qablu fuq dan l-ammont u b'hekk ma ntlahaqx ftehim.

Il-konvenuta xehdet in oltre illi zewgha kien tas-somma ta' Lm7,000 bhala hlas ta' schemha mill-komunjoni. Din is-somma kienet thallset gradwalment u illum ma ghadx fadal pendenzi fuq dan l-ammont.

L-attur xehed kif diga' ntqal aktar 'il fuq illi huwa ghandu tifel minn mara ohra u li prezentament qed jghix ma' din l-istess mara li tahdem bhala nurse l-Isptar. In oltre xehed ukoll illi ghandu l-ammont ta' Lm1500 go fixed account u Lm35 f'kont tat-tip savings.

Il-minuri Louanna llum ghandha hdax-il sena.

**<u>Konsiderazzjonijiet</u>**

L-artikolu 7 (1) tal-Kodici Civili jghid illi :-

*(1) Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici.*

Dan l-artikolu 3B jghid illi :-

"*Iz-zwieg jimponi fuq il-mizzewgin l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lill-ulied li jigu miz-zwieg skond il-hila, xehtiet naturali u aspirazzjonijiet ta' l-ulied."*

Illi l-artikolu applikabbli ghal kaz de quo huwa l-artikolu 21 (1) li jghid :-

*(1) Meta min jaghti l-manteniment jigi fi stat li ma jkunx jista' jaghti aktar il-manteniment kollu jew bicca minnu, hu jista' jitlob li jkun mehlus mill-obbligu tieghu jew li tkun imnaqqsa s-somma tal-manteniment, skond ma jkun il-kaz.*

U l-artikolu 54 (7) li jghid :-

*(7) Meta jkun hemm tibdil wara fil-mezzi tal-parti responsabbli ghall-manteniment jew il-bzonnijiet tal-parti l-ohra, l-Qorti tista', fuq it-talba ta' kull wahda mill-partijiet, tordna li dak il-manteniment jinbidel jew jitwaqqaf skond il-kaz.*

Dwar l-artikolu 21 l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha datata 15 ta' Mejju 1998 fl-ismijiet **Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe** qalet illi :-

"*Din id-disposizzjoni ma tiddistingwix bejn l-ghoti "volontarju", "ope sententiae" jew "ex contractum" tal-manteniment".*

Dwar il-portata ta' dan l-artikolu dik l-Onorabbli Qorti qalet illi :-

*"Li ma huwiex daqstant car pero' hu jekk dan l-artikolu japplikax biex jirregola wkoll l-obbligu tal-manteniment bejn il-konjugi. Dan ghaliex l-***artikolu 21 jinsab fis-sub-titolu (2)** *ta' l-Ewwel Titolu tal-Kodici Civili li jirregola expressis il-jeddijiet u d-dmirijiet bejn axxendenti, dixxendenti u ahwa. Hu subtitolu li fil-fatt jirregola fid-dettal ir-relazzjonijiet bejn dawn il-persuni u fl-ebda mument u fl-ebda disposizzjoni tieghu ma jidher li qieghed b'xi mod jirregola r-relazzjonijiet bejn il-konjugi".*

Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament. Pero' dan l-artikolu xorta huwa applikabbli ghal kaz de quo stante li hemm il-minuri Louanna.

Illi dwar l-artikolu **54 sub-artikolu (7)** il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha **Edward Galea vs Josephine Galea pro et noe** fuq imsemmija qalet illi :-

"*It-test allura hawn, iktar milli tibdel fic-cirkostanzi b'mod enerali jirrikjedi studju komparattiv dwar kambjamenti fil-mezzi tal-konjugi obbligat li jhallas il-manteniment u l-bzonnijiet tal-konjugi li ghandu dritt jircevihom".*

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-attur ma baqax jircievi salarji daqskemm kien jircievi qabel, u fil-fatt minn salarju fix-xahar ta' cirka Lm750.89 qed jircievi llum salarju ta' Lm68.14 netti fil-gimgha ekwivalenti ghal cirka Lm272.56 fix-xahar, u dan apparti pagi ohra li jirrizulta li huwa kellu ghal diversi perjodi ma employers differenti fil-perjodi mertu tal-kawza.

Illi dwar il-bzonnijiet tal-konvenuta u bintha ma jirrizultax li dawn huma differenti minn dawk ta' meta gie ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni.

Illi l-perjodu li l-attur dam dizokkupat huwa relativament qasir u fil-fatt huwa ma kienx jahdem ghal kwazi hames (5) xhur (bejn is-27 ta' Novembru 1996 u l-20 ta' April 1997).

Illi l-attur illum ghadu jahdem u allura huwa obbligat li jhallas manteniment lil maru u bintu u dan il-partijiet jaqblu mieghu. Li ma jaqblux huwa ghal quantum.

Illi mill-kuntratt ta' separazzjoni datat 29 ta' Awissu 1995 a fol 5 et sequitur tal-process jirrizulta illi l-attur qed jivversa l-ammont ta' Lm100 fix-xahar ghal minuri Louanna u in kwantu ghal Lm100 ohra fix-xahar lill-martu l-konvenuta. Meta l-minuri tilhaq l-eta' maggoritarja hi tibda tircievi l-ammont ta' mitejn lira Maltin (Lm200) fix-xahar. In oltre l-konvenuta, skond l-imsemmi kunratt, ghandha l-fakolta' li tahdem part time ukoll, minghajr ma titlef dan il-manteniment.

Illi ghalhekk ghandu jigi determinat l-ammont ta' manteniment li l-attur ghandu jhallas lill-konvenuti u dan minhabba l-bdil fic-cirkostanzi fl-introjtu ta' l-attur mid-data meta gie ffirmat il-kuntratt sallum fejn jirrizulta li hemm qabza sostanzjali f'dak li hu ntrojtu ta' l-attur fejn minn paga ta' Lm750.89 fix-xahar din nizlet ghal Lm272.65 fix-xahar.

Illi ghalhekk huwa ovvju li l-manteniment kif pattwit fil-kuntratt ta' separazzjoni datat 29 ta' Awissu 1995 irid jigi aggustat biex jirrifletti l-posizzjoni attwali tal-paga ta' l-istess attur dejjem ikkonsidrata mal-bzonnijiet tal-konvenuti liema bzonnijiet baqghu l-istess, pero' minhabba l-eta' tal-minuri certament li saru iktar oneruzi.

Illi wara li din il-Qorti kkunsidrat ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, tirrileva illi ghal perjodu fejn l-attur kien dizokkupat m'ghandux ikun hemm tnaqqis fl-istess alimenti meta tikkonsidra li mit-total ta' ammont ta' introjtu li l-attur kellu mix-xoghol tieghu fil-Libya, huwa kien qieghed ihallas biss percentagg ta' 26% bhala manteniment lill-konvenuti, u ghalhekk ghal perjodu ta' l-istess hames xhur li kien dizokkupat, meta wiehed jikkonsidra l-introjtu li kellu qabel l-attur seta' facilment ilahhaq ma' l-obbligi minnu assunti fl-istess kuntratt ghal perjodu qasir ta' hames xhur.

Illi ghalhekk dwar l-ewwel talba ta' l-attur sabiex jigi dilejarat li huwa ma hu tenut ihallas l-ebda alimenti ghal perjodu kemm dam dizokkupat jinghad illi :-

*"dan l-obbligu ghall-manteniment m'huwiex marbut bl-ebda mod mal-impjieg jew mal-introjtu tal-missir izda huwa obbligu assolut"* ***Maria Bugeja pro et noe vs Spiridione sive Stephen Bugeja*** P.A.F.D. Cit Nru 154 (94).

Illi din il-Qorti in vista tac-cirkostanzi kollha tal-kaz ma thossx, la legalment u lanqas moralment, li ghandhom tilqa' l-ewwel; talba ta' l-attur.

Illi ghar-rigward il-perjodi meta l-attur beda jahdem hawn Malta, u dan ibbazat fuq l-ahhar introjtu tieghu ta' Lm272.56 netti fix-xahar, il-Qorti qed tiffissa l-manteniment tal-konvenuti (*arbitro buoni viri"* fl-ammont ta' mija u hamsa u tletin lira Maltin (Lm135) fix-xahar li ghandhom jinqasmu sittin lira (Lm60) ghal minuri, u hamsa u sebghin lira (Lm75) fix-xahar ghal konvenuta. Dan anke peress li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-bzonnijiet ta' l-istess konvenuti jizdiedu relattivament mad-dekors tas-snin, u tali ammonti ta' manteniment ghandhom ikun l-aktar decenti fil-kuntest tac-cirkostanzi tal-kaz.

Illi ghalhekk it-tieni talba attrici ghandha tigi milqugha fil-kuntest appena citat."

**<u>APPELLI</u>**

Minn din is-sentenza appella l-attur b'mod principali u l-konvenuta proprio et nomine incidentalment. Iz-zewg appelli huma intimament konnessi in kwantu l-mertu tat-tnejn jirrigwarda l-quantum tal-

manteniment illi l-attur kien obbligat li jhallas lill-martu l-konvenuta ghaliha u ghat-tifel minuri.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

Il-Qorti ezaminat l-aggravju tal-kontendenti fiz-zewg appelli minnhom introdotti fid-dawl tar-rizultanzi processwali u tal-konsiderandi fis-sentenza appellata u ssib illi l-ebda wiehed mill-appelli ma hu sostenibbli fil-ligi. Jigi premess qabel xejn li indubbjament il-mertu kemm tal-appell principali kif ukoll dak incidentali kien wiehed prettament ta' apprezzament tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti.

Dik il-Qorti ghamlet ezami akkurat ta' dawn il-provi biex waslet ghall-konvinciment illi r-retta alimentari, kontrattwalment konvenuta bejn il-kontendenti, kellha tigi emendata u ridotta skond kif minnha deciz fis-sentenza appellata u dana minhabba tibdil provat fic-cirkustanzi finanzjarji tal-attur. Riduzzjoni li kienet verament kontemplata fil-kuntratt ta' separazzjoni f'kaz li l-kuntratt ta' impjieg li kellu l-attur fil-mument meta gie ppubblikat dak il-kuntratt jintemm. F'dan il-kuntest hi skorretta l-interpretazzjoni illi r-revizjoni ta' retta alimentari kellha necessarjament issir pro rata sic et sempliciter. Infatti l-istess kuntratt jipprovdi illi f'kaz illi l-impjieg jintemm, il-manteniment kellu jigi rivedut mhux biss pro rata imma wkoll "skond l-esigenzi". Terminu wiesgha imma li certament ifisser illi dawn l-esigenzi kienu <u>wkoll</u> jinkludu l-

bzonnijiet tal-konvenuta u tat-tifel minuri. Il-kawza allura ma kienitx tipprospetta biss tnaqqis imma wkoll il-possibbilita' ta' zieda jekk l-attur ikollu titjieb fil-qaghda finanzjarja tieghu u jekk il-htigijiet ta' martu u ibnu jikbru. Inoltre waqt li wiehed jifhem li "l-esigenzi" kienu jirrigwardaw u jikkoncernaw biss in-nukliju familjari milqut mill-kuntratt ta' separazzjoni u tal-ebda relazzjoni extra-maritali li l-attur joghgbu, kif jidher provat, li jistabbilixxi, ghandu wkoll ikun car illi l-frazi "l-impjieg jintemm" kienet tirreferi ghal cirkustanzi li jkunu indipendenti mill-volonta' tal-kontraenti. Altrimenti jkun facli u inikwu illi parti wahda mill-kontraenti, b'azzjoni unlaterali bla gustifikazzjoni, tbiddel ic-cirkustanzi li fihom u dwarhom ikun intlahaq ftehim dwar il-manteniment u l-quantum dovut.

Fid-dawl tal-premess ghandu jkun car illi c-cirkustanzi fattwali li kienu japplikaw fiz-zmien meta gie negozjat u miftiehem il-kuntratt ta' separazzjoni konnsenswali tad-29 ta' Awissu 1995, kienu l-istess bhal dawk meta l-kawza giet trattata quddiem l-ewwel Qorti nehhi ghall-fatt rilevanti illi l-impjieg tal-attur intemm. Certament ma hemm l-ebda fatt li gie sottomess lil din il-Qorti li seta' jew kellu jikkonvinciha biex jiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi migbura. Jekk xejn l-unika sottomissjoni ta' sustanza kienet dik maghmula mill-appellata illi t-temm tal-impjieg ma kienx wiehed forzat fuq zewgha l-appellant izda kien ghall-kuntrarju minnu provokat fl-interess tieghu. Din il-Qorti wkoll ma taqbilx li l-apprezzament tal-Qorti f'materja ta' hlas ta' manteniment kellu necessarjement ikun esklusivament bazat fuq

kalkolu ta' percentaggi matematici u dan anke fejn il-formola kompromessorja uzata mill-kontraenti fil-kuntratt tkun dik li tali manteniment kellu jigi ffissat “pro rata”. Apparti l-fatt kif accennat li f'din il-kawza l-partijiet, konxji minn din il-problema, ziedu l-frazi “skond l-esigenzi” hu car illi hemm elementi importanti in materja ta' manteniment bhala ma huma l-ispejjez bazici ta' spiza ghall-hajja u ghall-edukazzjoni tal-minuri li kellhom jigu sodisfatti mill-obbligat, ikun x'ikun id-dhul tieghu sakemm il-Qorti tqis li dak il-minimu ikun fil-possibbiltajiet tieghu. F'dan ir-rigward allura l-Qorti ma tarax l-utilita' li tinoltra ruhha f'ezami tas-sottomissjonijiet tal-kontendenti lilha maghmulha fuq il-bazi tad-determinazzjoni tal-quantum skond kalkoli purament matematici.

Il-Qorti ghall-kuntrarju tistrieh fuq l-apprezzament tal-ewwel Qorti illi wara li ezaminat il-fatti rilevanti waslet ghall-konkluzzjoni motivata u maturata illi r-retta alimentari kien gust li tigi ridotta kif fil-fatt giet ridotta. Apprezzament li din il-Qorti jidhrilha li kien verament ragjonevoli u bilancjat anke konsidrat l-obbligu tal-appellata fil-ligi li hi wkoll tikkontribwixxi ghall-manteniment tat- tifel minuri. Apprezzament li hu accettabbli sal-punt ukoll li ma tirrizultax gustifikata t-talba tal-appellata li jkun hemm revizjoni 'l fuq tar-retta alimentari kif stabbilita mill-ewwel Qorti u kif minnha pretiz fl-appell incidentali.

Din il-Qorti ttemm tghid biss illi hu prevedibbli, ghax bhala regola hekk jigri u jsir illi min ikun fis-sitwazzjoni li gab ruhu fiha l-attur appellant jibda jilmenta mill-piz tal-manteniment ghall-familja regolari tieghu ghax isib ruhu ma jistax ilahhaq mal-ispejjez li tkun qed timportalu r-relazzjoni rregolari tieghu. Naturalment pero' filwaqt li kulhadd hu liberu li jaghzel kif jirregola hajtu dan ma setax jaghmlu a skapitu tar-responsabbilitajiet li wiehed kellu versu dawk li skond il-ligi kienu jiddependu minnu. Din il-Qorti allura bhall-ewwel Qorti tqis li, waqt li hemm raguni ghar-revizjoni tar-retta alimentari kif stabbilit fis-sentenza appellata, dan kellu jkun sempliciment minhabba l-fatt illi l-impjieg li l-attur kellu l-Libya kien intemm u dan anke jekk jidher li t-temm kien hekk volut mill-istess attur u ghall-ebda raguni ohra. Il-Qorti tifhem li ma tistax timponi li l-obbligat jibqa' jahdem indefinittivament barra minn pajjizu biex ikomli jaqla' daqs kemm kien jaqla' qabel biex ikun jista' jissodisfa r-retta alimentari minnu assunta ali. Mill-banda l-ohra pero' r-retta alimentari kellha tigi determinata fuq dak li l-attur obbligat kien kapaci jaqla' f'xoghol utili f'Malta skond il-professjoni jew sengha tieghu. F'dan il-kuntest allura l-esercizzju li ghamlet l-ewwel Qorti jirrizulta li kien wiehed korrett u din il-Qorti ma jidhrilhiex li hemm raguni ghaliex ma kellhiex tikkonfermah.

Jibqa' x'jigi deciz it-tieni ilment tal-attur appellant fir-rigward tal-ammont ta' manteniment li l-ewwel Qorti kkundannatu jhallas ghal zmien ta' hames xhur meta jidher li hu kien dizokkupat u dana bir-retta stabbilita fil-kuntratt tas-separazzjoni konsenswali. Naturalment l-attur appellant

isostni illi hu ma kellu jhallas xejn ghal dak il-perjodu pero' fl-aghar ipotesi qatt ma seta' jigi kkundannat ihallas ir-rata stabbilita fil-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali li kienet oghla mir-rata kif riveduta fis-sentenza appellata. Naturalment l-attur appellant isostni illi ma kellu jhallas xejn ghal dan il-perjodu kemm dam disokkupat jew jekk kellu jhallas xi haga dan kellu jkun bir-rata kif riveduta fis-sentenza appellata u bbazata fuq il-paga inferjuri li kien qieghed issa jircievi.

L-appellata minn naha taghha ssostni illi z-zewgha ma gabx prova illi l-hlas tal-manteniment pattwit kien ghalih impossibbli. Gustament tirrileva illi hawn si tratta ta' obbligazzjoni kontrattwali li ghaliha kellu japplika l-principju pacta sunt servanda. Ma kellux allura l-attur il-jedd li unlateralment, kif ghamel, jieqaf milli jhallas il-manteniment miftiehem qabel u sakemm il-kwistjoni tkun giet gjudizzjarjament definita. Din il-Qorti ttendi biex taqbel ma' din is-sottomissjoni anke ghaliex ma jidhirx li l-pagament tal-manteniment kif stabbilit bil-kuntratt ma kienx fil-limiti tal-possibbiltajiet finanzjarji tal-attur. Infatti anke fil-kors tat-trattazzjoni tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti hemm element ta' prova li juri li l-attur kellu kapital moderat imgemma li minnu seta' wkoll, almenu ghal certu zmien, jissodisfa l-obbligu kontrattwali tieghu. Aktar minn hekk din il-Qorti tifhem li, konsidrat illi jidher stabbilit li kien l-attur li volontarjament irrizenja mix-xoghol li kellu fl-esteru, kien jinkombi fuqu li hekk ma jaghmilx qabel ma jkun sodisfatt li kien ser ikun f'posizzjoni li jaghmel tajjeb ghall-obbligazzjonijiet tieghu liberament kontrattati. Dan l-

aggravju qed jigi respint. Fir-rigward tal-kap tal-ispejjez il-konvenuta appellata qed issostni illi s-sentenza tal-ewwel Qorti kellha tigi riformata in kwantu dawn kellhom jigu kollha akkolati fuq l-attur zewgha minhabba li fil-fehma taghha, dan qatt ma kien ghamillha proposti li setghu jigu accettati minnha fir-rigward tar-retta alimentari meta hu telaq mill-impjieg. Anke hawn pero' l-appell incidentali ma hux sostnut ghaliex :-

1. L-ewwel Qorti u wkoll din il-Qorti waslu ghall-konkluzzjoni illi t-talba principali tal-attur kif dedotta fl-att tac-citazzjoni kienet timmerita li tigi in parti akkolta ; u

2. F'kull kaz ma kienet tirrizulta l-ebda prova li l-konvenuta kienet preparata taccetta xi tip ta' modifika tal-manteniment stabbilit kontrattwalment.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tiddisponi mill-appelli kif gej :-

1. Tichad l-appell incidentali tal-konvenuta proprio et nomine bl-ispejjez kontra taghha.

2. Tichad l-appell principali tal-attur bl-ispejjez kontra tieghu.

3. Tikkonferma s-sentenza appellata in toto.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif gja' decizi mill-ewwel Qorti.

Dep/Reg

mg